# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**SItta u għoxrin (26) ta’ Settembru 2024**

**Rikors Numru 282/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**Marco Cortis (371089M) u Michelle Cortis (0565791M)**

**vs.**

**Alex Mercieca (85363M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta’ Marzu 2024, li permezz tiegħu rikorrenti talbu s-segwenti:

   1) *Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fil-5 ta’ Mejju, 2021 fl-atti tan-Nutar Dr. Dorian Sciberras (Dok A) fejn l-intimat ikkostitwixxa ruħu debitur ċert, likwidu u dovut fl-ammont ta’ dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800.00) rappreżentanti depożitu mħallas mir-rikorrenti akkont ta’ prezz ta’ immobbli skont konvenju ffirmat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Frar, 2020 (Dok B);*

   2) *Illi l-konvenut ma ħallas xejn lir-rikorrenti minn dan l-ammont dovut;*

   3) *Illi għalhekk l-esponenti għad għandhomu jirċievu mingħand il-konvenut is-somma ta’ dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800.00) flimkien mal-interessi u l-ispejjeż kollha inkorsi mir-rikorrenti;*

   4) *Illi safejn jafu l-esponenti, il-konvenut m’għandu l-ebda eċċezzjoni x’iressaq;*

5) *Illi l-ammont mitlub huwa dejn ċert, likwidu u dovut;*

6) *Illi l-esponenti ppreżenta żewġ ittri uffiċjali kontra l-konvenut datati 6 ta' Diċembru, 2022 u 20 ta' Ġunju, 2023 (Dok C u Dok D rispettivament);*

7) *Illi dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1) *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta' dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800.00);*

3) *Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi fl-ammont ta' dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800.00), bl-ogħla rata ta' imgħax permissibbli skont il-liġi u skont il-kuntratt u ċioe mit-30 ta' Ġunju, 2021 sad-data tal-ħlas effettiv.*

*Bl-ispejjeż kollha inkorsi, inkluż dawk tal-ittri legali u uffiċjali u spejjeż professjonali oħra, kontra l-konvenut, inġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fl-1 ta' April 2024 il-kawża ġiet appuntata għall-24 ta' April 2024 fid-09.30am.

3. Rat illi fl-24 ta' April 2024, il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti jinnotifikaw lill-intimat wara l-ħinijiet legali u f'każ ta' eżitu negattiv, bil-pubblikazzjoni u affissjoni.

4. Rat illi fl-10 ta' April 2024, fit-30 ta' April 2024 u fis-6 ta' Mejju 2024 saru tliet tentattivi ta' notifika, mingħajr suċċess.

5. Rat illi fit-13 ta' Mejju 2024, saret in-notifika bl-affissjoni fil-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, fl-Għassa ta' San Ġiljan kif ukoll fl-indirizz ta' Alex Mercieca ossija 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi.

6. Rat illi fil-21 ta' Mejju 2024 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern filwaqt illi fil-5 ta' Lulju 2024 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta l-Orizzont.

7. Rat illi fl-24 ta' Settembru 2024, meta ssejħet il-kawża, l-intimat u/jew il-konsulent legali tiegħu ma dehrux, u l-Qorti ddikjarat li l-intimat kien kontumaċi.

8. Rat illi fl-24 ta' Settembru 2024, ir-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex jipproċedu għas-sentenza kif mitlub fl-ewwel talba tar-rikorrenti.

9. Rat illi fl-24 ta' Settembru 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

10. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddeċiedi** din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiddikjara** u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta’ dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800.00);

**Tikkundanna** lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi fl-ammont ta’ dsatax-il elf u tmien mitt ewro (€19,800.00), bl-ogħla rata ta’ imgħax permissibbli skont il-liġi u skont il-kuntratt u ċioe mit-30 ta’ Ġunju, 2021 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha inkorsi, inkluż dawk tal-ittri legali u uffiċjali u spejjeż professjonali oħra, kontra l-konvenut.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**